



Brussell, 17 ta' Novembru 2025
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0295(NLE)

14620/25
ADD 1

LIMITE

ENV 1125
WTO 100

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: ANNESS TAD-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fl-20 laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu (CITES CoP20)(Samarkand, Użbekistan, 24 ta' Novembru – 5 ta' Diċembru 2025)

ANNEX 1

Pożizzjoni tal-Unjoni dwar kwistjonijiet ewlenin għad-diskussjoni fl-20 laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar il-Kummerè Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu (CITES CoP20) (Samarkand, Użbekistan, 24 ta' Novembru – 5 ta' Diċembru 2025)

A. Kunsiderazzjonijiet ġenerali

1. L-Unjoni tqis il-Konvenzjoni dwar il-Kummerè Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu (CITES) bħala konvenzjoni internazzjonali ewlenija għall-konservazzjoni tal-bijodiversità u kontra t-traffikar ta' organiżmi selvaġġi.
2. L-Unjoni għandha tadotta pożizzjoni ambizzjuża għall-20 laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għas-CITES (CITES CoP20), f'konformità mal-politiki rilevanti tal-Unjoni u mal-impenji internazzjonali, b'mod partikolari l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU, il-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal adottat mill-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika, il-Viżjoni Strateġika tas-CITES u r-Riżoluzzjoni 79/313 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU dwar il-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' organiżmi selvaġġi. Il-pożizzjoni tal-Unjoni għandha sservi wkoll biex jintlaħqu l-oġettivi stabbiliti fil-livell tal-UE permezz tal-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030, il-pjan ta' azzjoni rivedut tal-UE kontra t-traffikar ta' organiżmi selvaġġi¹, l-approċċ tal-Unjoni għall-promozzjoni tal-kummerè u l-iżvilupp sostenibbli, u l-Patt Ekoloġiku Ewropew.

¹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni - Reviżjoni tal-pjan ta' azzjoni tal-UE kontra t-traffikar ta' organiżmi selvaġġi (COM(2022) 581).

3. Il-prijoritajiet għall-Unjoni fis-CITES CoP20 għandhom ikunu:
- ir-regolamentazzjoni tal-kummerċ internazzjonali ta' speċijiet ta' animali u pjanti fil-periklu li huma soġġetti għal livelli ta' kummerċ mhux sostenibbli, b'approċċ ibbażat fuq ix-xjenza, u
 - it-tiżni tar-rispons mill-komunità internazzjonali għat-traffikar ta' organiżmi selvaġġi.
4. Fis-CITES CoP20, l-Unjoni għandha tiżgura li l-istatus u d-drittijiet tal-Unjoni bħala Parti għas-CITES jibqgħu rispettati bis-sħiħ f'konformità mad-dispożizzjonijiet tagħha.
5. Il-pożizzjoni tal-Unjoni għandha tqis li l-mekkaniżmi tas-CITES jistgħu jikkontribwixxu biex jittejjeb l-istat ta' konservazzjoni tal-ispeċijiet u tirrikonoxxi l-ħidma ta' dawk il-pajjiżi li implimentaw miżuri ta' konservazzjoni effettivi.
6. L-għadd ta' listi u l-kumplessità tal-proċeduri tas-CITES biex jimplimentawhom żdiedu b'mod sostanzjali. L-Unjoni għandha tiżgura li d-deċiżjonijiet meħuda fis-CITES CoP20 jiffokaw fuq il-kwistjonijiet ewlenin tas-CITES. L-Unjoni għandha tiżgura wkoll li d-deċiżjonijiet meħuda jimmassimizzaw l-effiċjenza tas-CITES, billi jimminimizzaw kwalunkwe piż amministrattiv żejjed u billi jiksbu soluzzjonijiet prattiċi, kosteffettivi u fattibbli għall-kwistjonijiet ta' implimentazzjoni, ta' infurzar u ta' monitoraġġ.
7. Ħafna deċiżjonijiet adottati fis-CITES CoP20 ser jiġu implimentati mill-Kumitat Permanenti tas-CITES, li huwa l-korp sussidjarju ewleni tal-CoP. Il-pożizzjoni tal-Unjoni għas-CITES CoP20 għandha għalhekk tiggwida wkoll l-approċċ tal-Unjoni fid-79 u fit-80 laqgħa tal-Kumitat Permanenti, li ser isiru eżatt qabel u wara s-CITES CoP20.

- B. Kwistjonijiet speċifiċi
8. Fis-CITES CoP20 tressqu għall-kunsiderazzjoni wieħed u ħamsin proposta biex jiġu emendati l-Appendiċijiet tas-CITES. Tmienja minn dawk il-proposti tressqu mill-Unjoni bħala l-proponent ewlieni jew bħala koproponent, u naturalment l-adozzjoni tagħhom għandha tkun appoġġata wkoll mill-Unjoni.
 9. Il-pożizzjoni tal-Unjoni dwar il-proposti kollha għall-emendar tal-Appendiċijiet tas-CITES għandha tkun ibbażata fuq l-istatus ta' konservazzjoni tal-ispeċijiet ikkonċernati u fuq l-impatt li l-kummerċ għandu jew jista' jkollu fuq l-istatus ta' dawk l-ispeċijiet. Għal dan l-għan, għandha titqies l-evidenza xjentifika l-aktar rilevanti u robusta f'konformità mar-Riżoluzzjoni Conf. 9.24 dwar il-kriterji għall-emendar tal-Appendiċijiet I u II tas-CITES.
 10. Il-fehmiet tal-istati taż-żoni tad-distribuzzjoni tal-ispeċijiet ikkonċernati mill-proposti għandhom jingħataw attenzjoni partikolari. Fost l-oħrajn, dawn huma l-mezz primarju biex jitwasslu l-kontributi ta' dawk li jgħixu frabta mill-qrib mal-organiżmi selvaġġi, li l-għarfien, il-ġestjoni u l-azzjonijiet tagħhom fil-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-biodiversità huma importanti għall-implimentazzjoni effettiva tas-CITES u għall-kisba tal-oġġettivi tagħha.

11. L-Unjoni tqis li, bħala regola ġenerali, għandu jingħata appoġġ lill-proposti biex jiġu emendati l-Appendiċijiet tas-CITES li jitressqu mill-Kumitati dwar l-Animali u l-Pjanti u mill-Kumitat Permanenti tas-CITES. Għandhom jitqiesu wkoll il-valutazzjoni tal-proposti mis-Segretarjat tas-CITES u mill-IUCN/TRAFFIC² u, għall-ispeċijiet tal-baħar sfruttati kummerċjalment, mit-tmien Panel Konsultattiv ta' Esperti ddedikat tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agricoltura (FAO).
12. Fid-Deċizzjoni tal-Kunsill (UE) 2025/1314³, l-Unjoni tisħaq favur l-inklużjoni ta':
- *Pelophylax epeiroticus*, *Pelophylax shqipericus*, *Pelophylax ridibundus* u *Pelophylax lessonae* (żrinġijiet tal-ilma) fl-Appendiċi II tas-CITES (Appendiċi II) (b'dewmien ta' 18-il xahar tad-dħul fis-seħħ);
 - *Anguilla* spp. (sallur tal-ilma ħelu) fl-Appendiċi II (b'dewmien ta' 18-il xahar tad-dħul fis-seħħ);
 - *Centrophoridae* (żagħrun) fl-Appendiċi II;

² L-Unjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tan-Natura (IUCN) u TRAFFIC jispeċjalizzaw fi kwistjonijiet dwar il-kummerċ tal-organiżmi selvaġġi u jipprovdu valutazzjoni bir-reqqa tal-proposti għall-emendar tal-Appendiċijiet tas-CITES qabel kull CoP.

³ Id-Deċizzjoni tal-Kunsill (UE) 2025/1314 tat-23 ta' Ġunju 2025 dwar is-sottomissjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' proposti għall-emendi għall-appendiċijiet għall-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu (CITES) u dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fl-20 laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet ta' dik il-Konvenzjoni (ĠU L, 2025/1314, 30.6.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2025/1314/oj>).

- *Holothuria lessoni* (bużzu tar-ramel) fl-Appendiċi II;
- *Actinopyga echinites*, *Actinopyga lecanora*, *Actinopyga mauritiana*, *Actinopyga miliaris*, *Actinopyga palauensis* u *Actinopyga varians* (bużzi) fl-Appendiċi II; u
- *Commiphora wightii* (bdellium Indjan) fl-Appendiċi II.

L-Unjoni ddeċidiet ukoll li ser tkun kosponser u ser tippromwovi l-proposta mill-Panama biex l-entrata għal *Carcharhinus longimanus* (kelb il-baħar tal-qarnuna bajda oċeaniku) tiġi ttrasferita mill-Appendiċi II għall-Appendiċi I tas-CITES, u l-proposta mill-Brażil biex *Galeorhinus galeus* (kelb il-baħar) u *Mustelus* spp. (mazzola bla xewka) jiġu elenkati fl-Appendiċi II.

13. Fir-rigward ta' *Anguilla* spp. (sallura tal-ilma ħelu), il-pożizzjoni tal-Unjoni għandha tkun li tappoġġa l-adozzjoni tal-aktar miżuri b'saħħithom possibbli mmirati lejn is-salvagwardja ta' *Anguilla anguilla* (sallura) u speċijiet oħra tal-ġeneru *Anguilla* minn tnaqqis ulterjuri minħabba kummerċ mhux sostenibbli kif ukoll kummerċ illegali, filwaqt li jitqiesu l-komplementarjetajiet u s-sinerġiji bejn il-miżuri u d-deċiżjonijiet differenti li qed jiġu kkunsidrati mill-Konferenza tal-Partijiet.
14. Il-pożizzjoni tal-Unjoni dwar proposti relatati mat-traffikar ta' organiżmi selvaġġi għandha tirrifletti l-approċċ komprensiv tal-Unjoni għall-prevenzjoni tat-traffikar ta' organiżmi selvaġġi billi tindirizza l-kawżi ewlenin tiegħu, issaħħaħ l-oqfsa legali u ta' politika biex tindirizza t-traffikar ta' organiżmi selvaġġi, tinforza r-regoli eżistenti b'mod effettiv, u trawwem sħubijiet globali biex jiġi indirizzat it-traffikar ta' organiżmi selvaġġi, kif deskritt fil-pjan ta' azzjoni rivedut tal-UE kontra t-traffikar ta' organiżmi selvaġġi.

15. L-Unjoni għandha tinkoraġġixxi wkoll inizzjattivi li jgħinu biex jiżdiedu l-kapaċitajiet tal-awtoritajiet rilevanti u jikkondividu l-informazzjoni u l-aħjar prattiki, sabiex is-CITES tiġi implimentata aħjar u tittejjeb il-kooperazzjoni bejn il-pajjiżi ta' orġini, ta' tranżitu u ta' destinazzjoni.
16. L-Unjoni tinnota li l-Partijiet ressqu diversi proposti b'rabta mal-kummerċ internazzjonali fl-avorju tal-iljunfanti u l-qarn tar-rinoċeronti. L-Unjoni tqis li l-kundizzjonijiet biex dan il-kummerċ jerġa' jiġi awtorizzat mhumiex issodisfati u ma tappoġġax il-proposti għas-CoP20 biex dan il-kummerċ jerġa' jinfetaħ. Fir-rigward tas-swieq domestiċi tal-avorju tal-iljunfanti u tal-qrun tar-rinoċeronti, l-Unjoni għandha tkompli tappoġġa miżuri proporzjonati u effettivi bbażati fuq l-aqwa evidenza disponibbli, fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tas-CITES.
17. L-Unjoni tinnota li l-espansjoni tas-CITES, bl-emendi tal-Appendiċijiet u l-inklużjoni ta' speċijiet addizzjonali jew bl-emendi fl-istatus tal-elenkar tagħhom, żiedet b'mod sinifikanti l-volum u l-kumplessità tal-attivitajiet skont is-CITES, u dan wassal għal domanda dejjem akbar fuq is-Segretarjat, il-kumitati u l-Partijiet tas-CITES. Fl-istess ħin, il-finanzjament ma żammx il-pass ma' din iż-żieda fl-ammont ta' xogħol. Dawn l-iżviluppi għandhom jitqiesu kif xieraq mill-Unjoni meta tiddetermina l-prijoritajiet tagħha għas-CITES CoP20 u fid-diskussjonijiet dwar il-baġit futur tas-Segretarjat tas-CITES.